MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 298/2009

**Datatrak IT Services Ltd.**

**vs**

**Vassallo Anthony**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Euro1,693.30c, rapprezentanti ammont dovut mill-istess konvenut ghal servizzi ta' surveying lilu rezi skond kif jirrizulta minn dokumenti annessi ma' l-istess Avviz u mmarkati bhala Dok A u Dok B, liema servizzi kien inghata fil-perjodu ta' bejn Jannar u Marzu 2008 bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

Ra li ghalkemm legalment notifikat, il-konvenut baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema’ lil Mario Attard Trevisan jixhed ghan-nom tas-socjeta attrici, fejn ikkonferma kemm is-servizzi moghtija lill-konvenut u kif ukoll l-ammonti dovuta in konnessjoni ma’ l-istess servizzi.

Gie notat li ghalkemm il-konvenut rega’ nghata l-opportunita’ biex iressaq il-provi tieghu jekk ghandu fis-seduta tal-lum, huwa naqas li jattendi u ghalhekk wisq inqas naqas li jipproduci provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

It-Tribunal ra wkoll id-dokumenti esebiti ma’ l-istess Avviz immarkati bhala Dok A u Dok B, kif ukoll il-kont mibghut lill-konvenut permezz tad-dokument esebit ma’ l-Avviz immarkat Dok C.

Ghaldaqstant in vista tal-premess u fin-nuqqas ta’ kwalsiasi oppozizzjoni da parti tal-konvenut, it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba attrici u konsegwentement jikundanna lill-konvenut Anthony Vassallo sabiex ihallas lill-istess socjeta attrici is-somma mitluba ta’ Euro1,693.30c, bl-imghaxxijiet dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ dan l-Avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------